MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 122/2013

**ab**

**-vs-**

**cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Gunju tal-elf disa` mija sitta u disghin (1996) (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg itfal, li llum ghadhom minorenni ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Peter Fleri Soler mill-hamsa u ghoxrin (25)

ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) (Ara Dok. B anness);
Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok. B, Klawsola 4) ir-rikorrent irrinunzja ghad-dritt li jircievi manteniment minghand l-intimata, filwaqt li l-intimata rceviet soma likwidata bhala manteniment kapitalizzat ghal perjodu ta’ ghaxar snin skont it-termini tal-istess kuntratt u ghalhekk ma hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet;

Illi r-rikorrenti obbliga ruhhu illi jhallas lill-intimata l-ammont ta’ sitt mitt ewro (€ 600) kull erbgha gimghat ghall-ulied minuri, liema manteniment dejjem thallas u ghaldaqstant m’hemm l-ebda arretrati dovuti f’dan l-istadju favur l-ulied. Il-manteniment jithallas permezz ta’ standing order (Ara Dok. B, klawsola 7(b));

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erbgha (4) snin mifrudin, ir-rikorrenti ilu sa mill-hmistax (15) ta’ Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009) (Ara Dok. B, klawsola 17 (a)), illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata li biha ppremettiet illi:

Illi t-talba ghall-hall taz-zwieg tal-kontendenti ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Ir-rikorrent m'huwiex qieghed jhallas il-manteniment hekk kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler fil-25 ta' Lulju 2012. Il-klawzola numru 7(b) tal-istess kuntratt tipprovdi illi r-rikorrent obbligat jhallas manteniment ghaz-zewgt itfal minuri tal-kontendenti fl-ammont ta' €600 kull erba' gimghat u kellu jibda jhallas b'effett mis-27 ta' Lulju 2012 permezz ta' 'standing order' pero` ir-rikorrent qieghed jhallas is-somma ta' €600 kull xahar u ghalhekk ir-rikorrent ghandu arretrati ta' manteniment xi jhallas lill-esponenti ghall-kuntrarju ta' dak li nghad fir-rikors odjern. Apparti minnhekk il-manteniment mhuwiex qieghed jithallas permezz ta' 'standing order'.
2. Illi ghalkemm l-esponenti kienet ippruvat tkellem lir-rikorrenti sabiex jottempera ruhu mal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni huwa baqa` inadempjenti sallum il-gurnata.
3. Illi ghalhekk l-esponenti wisq tibza` illi bil-hall taz-zwieg ser ikun aktar difficli ghaliha sabiex tikseb il-hlas tal-manteniment hekk kif diga` miftiehem fil-kuntratt ta' 'separazzjoni.
4. Illi finalment l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sapportati mill-istess rikorrent zewgha.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Lulju, 2012, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi illum il-gurnata huwa hallas l-arretrati kollha ta' manteniment minnu dovut, kif ikkonfermat ukoll l-istess intimata fix-xhieda illi tat bil-gurament taghha u ghamel ukoll l-istanding order kif obbligat illi jaghmel permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------